MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru. 1047/2008

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca u Sp Joseph Agius )
vs
Haydar Issa Ahmed Sharif, iben Haydar Issa, imwieled is-Somalja fl-1 ta’ Jannar, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-28 ta’ Ottubru, 2008 għal habta tat-8.00 p.m. fil-Marsa –
a. ikkometta attentat vjolenti gall-pudur fuq Sally Anne Brincat minn Birżebbuġia;
b. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi offenda l-pudur jew il-morali b’egħmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost għall-pubbliku;
c. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom

il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Sally Anne Brincat kontra l-volonta' tagħha u dan bħala mezz biex tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u li b'liema zamma jew sekwestru Sally Anne Brincat ġiet ofiża fuq il-persuna tagħha jew imheddha bil-mewt;
d. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq Sally Anne Brincat skond kif iċċertifika Dr. Mario Abela MD taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 207, 209, 86, 87(1)(g) u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' erba' xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------